**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tas-87 laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 12 t'Ottubru 2010 fil-6:30 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Michael Mifsud |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

***L-Agent S.E. informa li l-Kunsillier P. Fenech kien infurmah permezz ta' email li ma kienx ser jattendi ghal din il-laqgha minhabba appuntament personali li ma setghax jitlef. Fic-cirkostanzi l-Kunsill qies din ir-raguni bhala wahda valida u ghalhekk gie dikjarat bhala skuzat ghal-laqgha.***

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.30 p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 86**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn gew approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.2 – Devoluzzjoni Xelter:*** L-Agent S.E. informa li s-sejha pubblika ghal kwotazzjonijiet sabiex isir tindif ta' l-istess xelter kienet dehret fil-Gazzetta tal-Gvern illum.

**3.2** ***Para 3.3 – Ftehim Green MT:*** L-Agent S.E. informa li konna ghadna qed nistennew il-hlas minghand Green MT skond il-ftehim pero il-boroz il-grizi suppost li ser jaslu l-Hamis li gej.

***Il-Vici Sindku inghaqad mal-Kunsill fis-6:40 pm.***

**3.3** ***Para 3.5 – Offerti:*** Is-Sindku nforma li 14-il bank kienu wehlu u l-Kunsill kien hallas il-kont u anke rcieva l-ircevuta fiskali li kopja taghha nbghatet lil-MEPA sabiex il-Kunsill jiehu l-flus mill-UIF.

Rigward il-fanali l-Kunsill gie nfurmat li l-kuntrattur kien oggezzjona ghad-*default notice* mahruga mill-Kunsill u dan minkejja li l-fanali ghadhom lanqas biss twahhlu meta skond il-ftehim kellhom ikunu lesti sad-19 t'Awissu 2010 filwaqt li l-kumpens li offra kien wiehed minimum li ma jiggustifikax d-dewmien. Il-Kunsill unanimament approva li malli jasal il-kont jiddeciedi fuq il-penali li ghandha tkun

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


applikata.

Rigward il-*website* l-Agent S.E. informa li aktar kiemi llum kien ra l-ewwel verzjoni tal-*website* il-gdida u jidher li din ghandha tkun wahda attrajenti kif ukoll facli ghall-i*staff* sabiex jaghmlu l-*updates*. Huwa qal li huwa ttamat li sa bhal lum gimgha l-MITA jkunu kkonfermaw li kollox kien sew min naha taghhom u ghalhekk f'qasir zmien il-*website* tkun tista titpogga *online*. Il-Vici Sindku offra li jaghmel *review* tad-draft *website* u jinforma lill-Kunsill f'laqgha ohra.

**3.4** ***Para 3.5 – Bring-in Site:*** L-Agent S.E. informa li *s-survey* kien sar u issa kien qed jistenna minghand il-Wasteserv dwar il-pass li jmiss.

**3.5** ***Para 3.6 – Kuntratti tal-Knis u Skart Goff:*** L-Agent S.E. informa li s-sejha pubblika ghall-offerti kienet saret u ghalqet aktar kmieni llum fejn il-Kunsill kien ircieva 3 offerti li kienu :

Alexander Fenech : € 3.80

Dimbros Ltd. : € 3.25

Christian Galea : € 4.50

Ir-rati huma ghal kull sejha u jinkludu l-VAT.

Gie unanimament deciz li qabel tittiehed decizjoni finali ghandna nsaqsu lil Kunsilli l-ohra ghall-opinjoni taghhom dwar dawn il-kuntratturi u jekk kienux hargu xi *default notice* lil xi wiehed mit-3 kuntratturi.

Rigward it-toroq is-Sindku spjega li kien beda x-xoghol ta' tindif u livellar ta' Triq Ghaxqet l-Ghajn partijiet 1, 2 u 3 u l-pjan hu li l-gimgha d-diehla jinghata t-tarmak. Gie unanimament deciz li nitolbu gwida minghand il-MEPA dwar x'inhu permessibbli li jsir sabiex jitnaqqas il-periklu ghall-vetturi li jkunu nizlin in-nizla ta' quddiem Ghar San Brinkat peress li hemm partijiet minghajr ilqugh u huma perikoluzi.

Gew unanimament approvati s-suggerimeti li tressqu mill-perit u l-kuntrattur dwar il-konkos bix-xibka li ghandu jsir mal-genb tat-triq quddiem Ghar San Brinkat u l-partijiet li ghandhom jigi mdawwra bil-kurduna qabel ma tibda n-nizla. L-Agent S.E. gie mitlub jiehu hsieb li jinhargu avvizi lir-residenti meta tkun ser tinghalaq it-triq sabiex jinghata t-tarmak.

Is-Sindku informa li l-Gvern Centrali kien accetta l-istima gdida tat-toroq taht il-PPP u konna diga ircevejna s-somma ta' € 31,874 bhala l-ewwel kontribuzzjoni min-naha tal-Gvern Centrali.

Rigward ir-rapport ta' evalwazzjoni ta' l-offerti ghall-kuntratt *tar-resurfacing* u xoghlijiet ohra l-Agent S.E. informa li konna ghandna qed nistennew minghand il-Perit. Hu qal li ghandna ma rcevejniex risposta minghand TM dwar it-talba taghna ghall-installazzjoni ta' *traffic calming measures* fi Triq Ghaxqet l-Ghajn.

**3.6** ***Para 3.8 – Approvazzjoni ta' pagamenti pendenti:*** L-Agent S.E. informa li ufficcjal mill-kumpanija Sigma kien gie jara t-toroq li fihom intuzat iz-zebgha u ra ukoll kif kien gie applikat il-prodott. Hu suppost kellu jikkomunika maghna pero sa llum

ghadna ma rcevejna xejn.

**3.7** ***Para 3.10 – Hofra fi Triq Kromb il-Bahar:*** L-Agent S.E. informa li kien sar rapport dwar il-kaz lil MEPA u lil Pulizija pero kien ghadu jrid jinforma lis-sid u lil TM.

**3.8** ***Para 3.11 – Inizjattiva Ambjentali biex Ticcelebra Gheluq l-20 Sena Hidma tal-Kumpanija Vodafone*:** L-Agent S.E. informa li l-applikazzjoni taghna kienet ser tinbghat sa nhar il-gimgha.

**3.9** ***Para 3.12 – Green Challenge and Community Involvement Awards.:*** L-Agent S.E. nforma li kien ghadu qed jistenna risposta minghand il-Kunsillier M. Mifsud dwar l-applikazzjoni taghna. *1*

**3.10** ***Para 3.13 – Skema dwar Inizijattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2011:*** Il-Vici Sindku ta dettalji ta' l-applikazzjoni taghna u qal li sa llum konna ghadna ma sibniex *trainer* pero kien fiducjuz li dan jinstab fil-granet li gejjin.

**3.11** ***Para 3.14 – Tpoggija ta' Materjal tal-bini fuq il-bankina fi Triq Caravaggio:*** Is-Sindku nforma li t-tieni zviluppatur kien accetta wkoll li jhallas sa nofs Novembru 2010.

**3.12** ***Para 3.15 – Xoghol Latrina Pubblika:*** L-Agent S.E. nforma li ftit tal-minuti ilu kien ircieva email minghand il-kuntrattur fejn dan kien qed jaccetta li jitnaqqas l-ammont ta' €3,000 bhala penali mill-ammont dovut lilu wara li naqas li jlesti fil-hin. L-Agent S.E. qal li kwazi l-affarijiet kollha, elenkati fil-lista li saret wara li hu flimkien mal-Kunsillier M. Mifsud kienu zaru l-post xi granet ilu, issa kienu lesti u jonqos biss il-bdil tal-*water closet* u l-aggustament tal-bieb fit-*toilet* ghall-persuni bi bzonnijiet specjali, it-tnehhija ta' pixxatur u l-livellar tal-mirja.

Gie unanimament deciz li ghandna nibqghu ninsistu mal-kuntrattur halli jiehu hsieb ilesti dawn il-pendenzi u ninfurmawh li l-kuntratt ikun meqjus bhala komplut meta jitlestaw dan il-pendenzi ghas-sodisfazjon tal-Kunsill. Ghalhekk il-Kunsill mhux qed jaccetta li jsir tnaqqis kif suggerit mill-kuntrattur imma ser japplika l-penali kif miftehma originarjament mal-kuntrattur.

Rigward il-bieb ghat-*toilet* tal-persuni bi bzonnijiet specjali gie unanimament deciz li l-Kunsill ghandu jzomm parti mill-ammont li jkun finalment dovut lill-kuntrattur sabiex jekk il-KNPD tinsisti li l-bieb ghandu jitwessa, l-ispejjez involuti sabiex isir dan l-aggustament ikunu koperti b'dan l-ammont.

L-Agent S.E. intalab li jikteb lill-kuntrattur u jinfurmah bid-decizjonijiet tal-Kunsill u jinsisti mieghu halli l-pendenzi jitlestew malajr kemm jista jkun. Finalment gie unanimament approvat li l-latrina tinfetah ghall-pubbliku nhar it-Tnejn li gejjin, anke jekk il-kuntrattur jonqos li jlesti x-xogholijiet imsemmija. Qabel ma tinfetah il-latrina ghandha titnaddaf.

**3.13** ***Para 3.16 – Gnien tal-Ponta:*** L-Agent S.E. informa li kien ghadu qed jistenna minghand id-*designer* pero meta din kienet bghatitilna l-istima ghax-xoghlijiet li kien hemm bzonn li jsiru kienet infurmatna li kienet ser tibda tahdem fuq il-progett madwar 4 gimghat mid-data tal-konferma taghna. L-Agent S.E. intalab isegwi mad-

*designer* u jinforma lill-Kunsill.

**3.14** ***Para 5.2 – Trqffic Calming Measures fi Triq San Gwann / Triq Stiefnu Zerafa:*** L-Agent S.E. informa li kien ghadu jrid jikteb lit-TM.

**3.15** ***Para 5.3 – Patching fi Triq il-Gdida :*** L-Agent S.E. informa li huwa kien mar fuq il-post u ma jirrizultax li nizlet l-art kif kien gie allegat. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li ma jsir xejn aktar.

**3.16** ***Para 5.4 – Talba ghall-Kumpens :*** Is-Sindku spjega li huwa kien gie avvicinat minn min kien ghamel it-talba u dan kien qal li hu ma kienx ircieva ittra minghand il-Kunsill fil-2009 u dan rega insista li ghandu jinghata kumpens.

L-Agent S.E. qal li hu ma setax isib kopja ta' l-ittra izda jista jikkonferma li l-Kunsill kien offra pagament *ex-gratia* ta' €200 imma dawn ma kienux accettati mir-resident. Gie unanimament deciz li l-Kunsill ghandu jzomm mad-decizjoni li kienet ittiehdet u r-resident ghandu jipprovdi ircevuti fiskali li juri li sabiex tissewwa l-allegatment hsara din swiet mill-inqas € 200.

**3.17** ***Para 5.6 – Zbir ta' sigra fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki :*** L-Agent S.E. qal li hu kien kellem lir-resident u dan kien qed jirrifjuta li jizbor is-sigra. Wara diskussjoni gie unanimament deciz li ghalissa l-Kunsill ma ghandu jaghmel xejn iktar izda l-quddiem il-Kunsill jikkunsidra li jaqla l-bozza u jwahhala fuq arblu fuq il-bankina.

**3.18** ***Para 6.3 – Attivitajiet fil-Lokalitajiet b'risq il-Malta Community Chest Fund*** *:* Wara diskussjoni gie unanimament deciz li l-Kunsill flmkien ma' l-iskola primarja tar-rahal ghandu jorganizza mixja kulturali ibbazata fuq wahda mill-mixjiet li hemm fil-ktieb li ppubblika l-Kunsill is-sena l-ohra. Gie unanimament deciz li dawk li jippartecipaw ghandhom jinghataw kopja tal-ktieb imsemmi ghall-prezz ridott ta' €1.50 liema flus ser jinghataw kollha lill-*Malta Community Chest Fund*. Il-Kunsill ser jiehu hsieb jara wkoll li jkun hemm Gwardjan Lokali prezenti waqt il-mixja filwaqt li t-tfal ser jinghataw flixkun ilma kull wiehed. Gie deciz ukoll li din l-attivita' ghandha tkun miftuha ghar-residenti kollha u li ghal dan il-ghand ghandhom isiru *posters* sabiex jitqassmu mar-rahal. Gie deciz ukoll li ghandha ssir attivita' socjali gewwa s-Sala tal-Komunita' u d-dhul kollu minnha ghandu jmur ghall-istess ghan.

**3.19** ***Para 6.6 – Embellishment area tal-Monument f'Misrah il-Knisja :*** l-Agent S.E. informa li kienet saret talba lill-MRRA sabiex isir dan ix-xoghol.

**3.20** ***Para 7.1 – Fondi UIF :*** L-Agent S.E. informa li l-MEPA kienet infurmatna li kien ghad fadal € 21,000 fil-fond. Gie unanimament deciz li ghandha ssir talba formali lill-MEPA sabiex issir bankina mill-ahhar residenza fi Triq San Gwann sat-Torri tas-Semaforu.

**3.21** ***Para 7.5 – Ghar San Brinkat :*** Gie unanimament deciz li ghandhom jingiebu kwotazzjonijiet sabiex isir rixtellu tal-hadid quddiem l-ghar iz-zghir kif ukoll fuq il-bokka ghall-hofra li hemm fl-istess ghar. Sadanittant l-Agent S.E. ikkonferma li l-ghar kien tnaddaf.

## 4 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti

**4.1** L-Agent S.E. pprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet giet ippublikata l-Agenda. Dawn kollha gew approvati unanimament u gie approvat ukoll il-hlas ta' kont ta' €25.11 minghand Galea Mini Market li ma kienx inluz mal-lista.

## 5 Ilmenti u Suggerimenti

**5.1** Ilmenti minn xi residenti dwar bank li twahhal fi Triq Stiefnu Zerafa.

Il-Kunsill innnota li prattikament kull ma kienu dahlu kienu biss 3 ilmenti minn membri ta' l-istess familja filwaqt li kien hemm diversi residenti ohra li cemplu lill-Kunsill sabiex jirringrazzjaw u jfahhru din l-inizjattiva. Fic-cirkustanzi il-Kunsill unanimament iddecieda li kollox ghandu jibqa kif inhu.

**5.2** Talba minn residenta sabiex tehel *barrier* fil-bidu ta' Sqaq ir-Ruzarju sabiex ma jithallewx jipparkjaw karozzi.

Il-Kunsill unanimament ma laqghax din it-talba wara li nnota li fil-post indikat diga hemm *Double Yellow Lines* u jekk dawn mhux qed jigu osservati ghandu jsir rapport lil Pulizija.

**5.3** Talba minn resident sabiex titnehha *parking bay* fit-tarf ta' Triq Stiefnu Zerafa, sabiex jinzebghu il-bankijiet li hemm fi Triq Caravaggio kif ukoll sabiex titwessa l-bankina ta' wara l-*Bring-in Site*.

Rigward it-tnehhija tal-*parking bay* il-Kunsill unanimament ihoss li din it-talba mhux wahda gustifikata. Rigward iz-zebgha tal-bankijiet gie unanimament deciz li dan ix-xoghol isir mill-haddiema tal-Kunsill filwaqt li rigward it-twessiegh tal-bankina l-Kunsill unanimament ihoss li din it-talba ma mhix gustifikata.

**5.4** Talba sabiex il-Kunsill jaghti 4 jardi konkos ghal Sqaq tal-Mahruq.

Gie unanimament deciz li qabel tittiehed decizjoni finali din it-talba ghandha tigi nvestigata halli nikkonfermaw ezatt fejn irid isir twittija bil-konkos.

**5.5** Talba sabiex terga ssir *sleeping policeman* fi Triq ix-Xwieki ghaliex allegatament din illixxjat.

Il-Kunsill innota li wara mizuri li kienu ittiehdu ma ghadux possibbli li mill-*main road* wiehed jidhol fi Triq ix-Xwieki. Infatti ftit huma l-vetturi li jghaddu minn Triq ix-Xwieki. Gie unanimament deciz li t-*traffic hump* tigi irrangata bil-*cold asphalt*.

**5.6** Talba sabiex jitnehhew zewg *pots* li qeghdin fuq il-bankina fi Triq San Gwann u li qed jostakolaw lil min ikun miexi fuq l-imsemmija bankina.

Gie innotat li l-*pots* imsemmija fil-verita qieghdin fuq parapett privat filwaqt li anke jekk dawn kellhom jitnehhew ma jservu ghal xejn peress li wara ftit passi hemm hajt. Fic-cirkostanzi l-Kunsill unanimament ma laqax din it-talba.

**5.7** Talba sabiex isir *pot* bix-xitel fil-kantuniera ta' Triq id-Dejqa sabiex il-post ma jintuzax sabiex fih jigi mgezzin il-boroz ta' l-iskart.

Il-Kunsillier A. Muscat informa li kien ser jitlob lill ELC sabiex ipoggu zewg *pots* milli hemm f' Misrah il-Knisja.

**5.8** Talba sabiex jigi estiz il-*white line* fi Triq San Gwann fejn jispicca l-bini sabiex vetturi ma jibqghux jipparkjaw hemmekk.

Wara diskussjoni gie unanimament deciz li fid-dawl tal-fatt li faccata tal-post indikat dalwaqt ser issir bankina u ghalhekk ser jonqsu il-postijiet ghall-ipparkjar tal-vetturi li allura ghalissa ma ghandniex ghalfejn innaqqsu aktar spazju ghall-*parking*.

**Fuq talba tas-Sindku, gie unanimament approvat li Item Nru. 7 jigi diskuss qabel Item Nru 6.**

**7 Materji Ohra u Mistoqsijiet**

**7.1** Gie unanimament deciz li ghandha ssir sejha ghall-kwotazzjonijiet ghat-tizjin ta' Triq San Bartilmew u Misrah il-Knisja fl-okkazjoni tal-Milied 2010. Gie deciz li fost il-kundizzjonijiet ghandu jkun hemm stipulat li jridu jigu ipprezentati kopji tad-disinni kif ukoll li jrid ikun hemm fustun tul it-triq kollha fuq iz-zewg nahat fi Triq San Bartilmew u Misrah il-Knisja.

**7.2** Il-Kunsill unanimament ratifika d-decizjoni li studenta Spanjola li kienet qed taghmel *work phase* mal-Kunsill tintbaghat lura peress li ma kienitx qed taghti kontribut.

**7.3** Is-Sindku nforma li ghalkemm kienu saru diversi tentattivi sabiex il-haddiema assenjati mal-Kunsill (IPSL u Distretti) izommu mal-hinijiet taghhom u jaghmlu x-xoghol moghti lilhom, jidher li ma kien gie irregistrat l-ebda progress. Infatti hu sab li t-Tnejn li ghaddew il-haddiema kien ghadhom lanqas biss irrapportaw ghax-xoghol fit-8.00am u fil-11.30am kienu diga telqu.

Huwa kien issa hejja lista ta' xogholijiet pendenti kif ukoll *timeframes* li fihom ix-xoghol irid jitlesta. Sabiex isir *monitoring* regolari huwa kien ta struzzjonijiet lil wahda mill-iskrivani sabiex tkun responsabbli minn dawn il-haddiema, tiehu hsieb tqassmilhom ix-xoghol u tara li huma iwettqu x-xoghol mitlub minnhom. Hi ghandha titlaq mill-ufficcju kuljum fit-3.30pm u tmur tara li x-xoghol kien lest u sar sew.

L-Agent S.E. wera nuqqas ta' qbil ma din is-sistema u nforma li bhala S.E. ma kienx qed jaccetta l-fatt li huwa jkun direttament responsabbli minn dawn il-haddiema u li s-supervizjoni taghhom kellha tibqa f'idejn id-Dipt li mieghu huma impjegati l-haddiema u dan minkejja li l-haddiema huma assenjati mal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament ma qabilx ma din il-posizzjoni ghaliex ihoss li dawn il-haddiema inghataw lill-Kunsill mill-Gvern Centrali sabiex ikun jista jwettaq il-funzjonijiet tieghu u bhal kull risorsi ohra tal-Kunsill dawn ghandhom jigu immaniggjati b'mod effettiv u ilkoll ghandna l-obbligu li naraw li qed niehdu *value for money*. Fuq kollox dawn qed jithallsu mit-taxxi tal-pajjiz u ghandna ilkoll id-dover li ma nippermettux li

jsir skartar u abbuzi ohra. Il-Kunsill unanimament approva is-suggerimenti tas-Sindku filwaqt li il-Vici Sindku u l-Kunsillier M. Mifsud talbu li jibdew ikunu infurmati fuq bazi regolari bil-progress li jkun qed jinkiseb u bix-xoghol li jitwettaq.

Peress li l-iskrivana li ser tkun responsabbli mill-haddiema qalet li hi ma tistax tmur f'certi partijiet tar-rahal il-Kunsill qabel li dawn il-postijiet ghalissa jkunu koperti mill-Agent S.E.

***Is-Sindku halla l-laqgha fid-9:00 pm.***

**7.4** L-Agent S.E. ipprezenta kopja tal-*Management Accounts* ghax-xahar ta' Awissu 2010 u informa li sa dan ix-xahar id-dhul tal-Kunsill kien iktar minn dak mahsub filwaqt li l-hrug kien inqas minn dak ippjanat u ghalhekk hemm bilanc posittiv. Filwaqt li dawn il-*Management Accounts* gew approvati unanimament, l-Agent S.E. talab lill-Kunsillieri sabiex ikellmuh f'kaz ta' bzonn ta' iktar kjarifici.

## 6 Korrispondenza

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li ghandna niktbu lil MEPA dwar l-applikazzjoni 6613/10 dwar il-fatt li l-Kunsill ma jaqbilx li l-izvilupp propost ikollu *footprint* ikbar minn dik ezistenti.

**6.2** Korrispondenza minghand il-KMS dwar korrispondenza taghna rigward il-*ground* li hemm fil-Qasam tad-Djar tax-Xwieki.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li ghandna niktbu lura u nkompolu ninsistu li fil-fehma taghna id-dewmien fl-applikazzjoni ta' xaghrejn jikkonsisti fi ksur tal-kuntratt li kien jirregola l-ghoti ta' l-art.

**6.3** Korrispondenza minghand it-TM tinfurmana li kienet laqghet it-talba ta' resident bi bzonnijiet specjali sabiex issir *Reserved Parking Bay* quddiem ir-residenza tieghu fi Triq Caravaggio.

Din il-korrispondenza giet innotata

**6.4** Korrispondenza minghand it-TM dwar talba minghand resident bi bzonnijiet specjali sabiex ikollu *Reserved Parking Bay* quddiem ir-residenza tieghu fi Triq Indipendenza.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Kunsill unanimament approva din it-talba.

**6.5** Korrispondenza minghand id-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar tahrig ghal-librara.

Din il-korrispondenza giet innotata u l-Kunsill qabel unanimament li jiffinanzja l-hlas ta' €60 ghal kull partecipant.

**6.6** Kwotazzjoni sabiex jinxtraw plattini ghal taht il-*pots* li hemm f'Misrah il-Knisja.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li qabel ma tittiehed

decizjoni finali ghandna niccekkjaw il-prezzijiet minghand *supplier* iehor.

**6.7** Korrispondenza minghand persuna li kienet qalghet citazzjoni wara li dahlet fi Triq San Bartilmew waqt li din kienet maghluqa minhabba l-hinijiet ta' l-iskola.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie unanimament deciz li ninfurmaw lil din il-persuna li l-Kunsill ma setghax jirrevoka din il-kontravenzjoni izda trid issir petizzjoni skond il-ligi lill-Bord mahtur apposta.

**6.8** Kwotazzjoni minghand Jacap sabiex issir tabella li tindika l-Latrina Pubblika fi Triq San Gwann.

Gie innotat li din il-kwotazzjoni kienet tkopri biss il-kliem bl-Ingliz u ghalhekk gie unanimament deciz li tingieb kwotazzjoni ohra li tinkludi l-kliem kemm bil-Malti kif ukoll l-Ingliz kif ukoll kwotazzjoni separata li jkollha s-simboli tar-ragel/mara/persuna bi bzonnijiet specjali.

**8 Aggornament**

**8.1** Il-laqgha giet aggornata fid-9:30 p.m. wara li l-*items* fuq l-Agenda gew ezawriti u gie unanimament deciz li laqgha ohra ssir nhar it-Tlieta 26 ta' Ottubru 2010 fis-6:00 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | **26 ta' Ottubru 2010** |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |